MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Numru 965/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Daniel Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Daniel Spiteri** ta' 24 sena, bin il-mejjet Godwin u Rita nee' Azzopardi, mwieled l-Awstralja nhar is-7 t'Ottubru, 1981, residenti 50, Flat 4, Triq l-Imtarfa, Mtarfa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 454997(M);

Talli f'dawn fid-9 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tas-1.30p.m gewwa Triq Santa Rita, Rabat u gewwa l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Malta)

Attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' fuq il-persuna ta' PS 287 C.Cordina filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 287 C.Cordina kif iccertifikat Dr. Marianna Badlacchino MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan ai terminu tal-Artikolu 212 tal-Kap 98 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent 287 C.Cordina inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' u dan ai terminu tal-artikoli 92, 95 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi ghall-habta tas-1.30p.m gewwa Triq Santa Rita, Rabat (Malta) u gewwa l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Malta) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-membri tal-Korp tal-Pulizija weggajthom bi kliem malafamanti u dan ai terminu tal-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi ikkagunajt hsara volontarja fuq partijiet mill-uniformi tal-Pulizija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lill-istess ufficjal pubbliku bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjuta jew ta falz lill-istess ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun

inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomi, fejn joqghod u l-partikolarijiet l-ohra u dan ai terminu tal-artikolu 338 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni u paci pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija ezekuttiva u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija aktar ‘l fuq sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissata kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1)(2)(3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet ukoll l-ammisjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 t’Ottubru, 2006, kif ukoll l-apologija tieghu u l-obbligazzjoni li jaghmel tajjeb ghad-danni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk isib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 92, 95, 96(a), 221, 252(1), 325(d), 378(e) (g) (dd) (ee);

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u wara li staqsietu jekk huwiex dispost joqghod taht kundizzjonijiet fil-kaz li jkun liberatu wiegeb fl-affermattiv;

Minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------